## IL-GHANJA TA' POETA TAL-BIERAH

*Ta'* Karmenu Vassallo

Holma ta' ġenn, ħuġġieġa nar, il-għanja
Li darba fawret fih għabel u ntfiet.
Il-ħajr kollu ta' ġmielha
Nixef bħal warda u miet.
Nixfu l-egħjun ta' qilltu u ta' nirienu,
U ħajtu tkeffnet b'dak li seħħ u sar;
Għosfrot żgħużitu, u magħha
Il-ħolm li ħolom tar.

Minn dak l-għaġeb ta' ġenn jew ġenn tal-għaġeb
Li bih Il-Bieraħ deher sabiħ bla qies,
Ħorof Il-Lum għal kollox
U f'qabar għomru ibbies.
Tqalu saqajh, u ħdielu idejh, u qalbu
Ħomlot mill-għana li tah isem żgħir.
Li ġej iħossu jbeżżgħu;
Li għadda jġagħlu jgħir.

Ġenna ta' dwal, ġenna ta' ġmiel li jgħaxxaq,
Għad li miżgħuda għolliq u xwiek, għalih
Kienet it-telgħa mwiegħra
Ta' l-Idëal sabiħ.
Mhux hekk in-niżla fejn f'riġlejha jmewweġ
Beraħ ta' baħar u dagħbien ta' dlam
B'sikta u ħemda ta' qabar,
Tmiem in-nisel t'Adam.

Isbaħ lejlet il-għid mill-jum ta' wara!
Isbaħ tamtek f'li ġej minn sebħ il-lum!
X'jiswa li tasal fl-aħħar
Għajjien f'xifer ir-rdum?
Hemm fit-tiċħid kull ġid tal-qalb, fil-għera
Ġmiel il-ħeffa t'għasfur, għaxqa fl-imrar.
Il-għanja tal-poeta
Bħad-deh'b mgħoddi min-nar.

Ħlas l-uġigħ qawwi l-poeżija bnina;
Ħajjitha d-dmugħ magħġun ma' ħobż il-hemm;
Triqtha t-triq tal-Kalvarju,
Għajn ta' ċarċir ta' demm.
Imħabbitha, bħan-nar, tikwi w-iddewweb
U tħoll il-ġisem, imma tqawwi l-qlub.
Kull min iħobb fis-sewwa
Sehmu li jmut mislub!



# REĊENSJONIJIET

**"HUMAN STERILIZATION"** — Tar-Rev. Professur Paul Tabone, O.F.M. — Progress Press. — Malta, 1950. Paġ. 20.

IL-PROFESSUR Patri Pawl Tabone ippubblika din il-biċċa xogħol fix-"*Scientia*", imbagħad ħariġha fi ktieb għalih, u għamel sewwa, għax tkun tiswa bħala riferenza lil bosta konfessuri u lit-tobba wkoll.

Is-suġġett il-lum huwa ta' importanza kbira u dejjem qajjem diskussjonijiet kbar. Dawn id-diskussjonijiet aktarx jinġabru f'żewġ naħiet: in-naħa tal-qassisin u n-naħa tax-xjenzjati. Dari dawn qatt ma kienu jaqblu bejniethom, imma l-lum kemm il-Knisja u kemm il-Mediċina għarfu li jistgħu jimxu id f'id inqar f'suġġett hekk kontrovers u kontenzjuż bħalma hi l-isterilizzazzjoni.

Għoġobna l-kriterju li l-awtur mexa bih meta semma l-kondizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi fejn l-isterilizzazzjoni hi ikkunsidrata permessa u għoġobna għax hu ma għamilx bħal xi awturi qassisin oħra li ħaqqu u kitbu li l-isterilizzazzjoni qatt ma għandha tkun permessa. Il-Professur Tabone iddiskuta l-pont safejn tasal it-terapija u safejn tasal il-kuxjenza.

Ħaġa li tqajjem ħsieb kbir hi l-kwistjoni jekk l-istat għandux il-jedd li jikkastiga l-kriminali bil-"*mutilation*". L-awtur semma dwar dan is-suġġett, iżda baqa' ma taniex opinjoni definita fuqu. L-awtur isemmi wkoll dwar il-"carriers", iżda l-lum din il-kelma nużawha biss għal dawk li jistgħu jxerrdu l-mard. L-idea li ried ifisser l-awtur għandha x'taqsam mal-*genes* ereditarju.

Ta' min isemmi l-kapaċità li wera l-awtur fil-klassifikazzjoni tal-metodi għall-isterilizzazzjoni; il-klassifikazzjoni li tana hija eżawrjenti kemm tista' tkun.

Lill-Professur Tabone jixraqlu kull tifħir u inkuraġġiment għax b'dan ix-xogħol tiegħu ta' riċerki fini u ta' studji qiegħed jagħmel ġieh mhux biss lilu nnifsu iżda wkoll lill-Università tagħna u lill-Kleru Malti.

G.

**MIT-TIĠRIB TA' ŻGĦUŻITI** — Ta' Ġorġ Chetcuti. — Progress Press.

Ġorġ Chetcuti f'dan il-ktieb "Mit-Tiġrib ta' Żgħużiti" għaraf jagħti tifsir u espressjoni lit-tqanqiliet u lit-tiġrib tal-ħajja tagħna fl-aħjar u fl-isbaħ qasam tagħha, jiġifieri fiż-żgħożija. Il-poeta tagħna fil-biċċa l-kbira tal-versi tiegħu għandu dik in-nota malinkonika, iżda ħelwa, li tolqtok ukoll f'ħafna poeti oħra Maltin li bħalu kibtu fuq it-tiġrib, ix-xenqiet u l-ideali tal-bniedem fil-ġlieda tal-ħajja—nota karatteristika li bil-kemm ma tagħżilx il-poeżija maltija minn dik barranija. Hekk f'dan ix-xogħol ta' Chetcuti aħna niltaqgħu ma' dawn il-versi qawwija fl-espressjoni tagħhom—versi li kitibhom fuq għajnejn ibnu li l-lum għebu "ġewwa l-kefen ta' l-imwiet":

*"Intom kontu l-ferħ u d-dija*
*Ta' dil-qalb bl-inkwiet mherrija,*
*Ta' dil-qalb li sfat mifnija*
*Bit-tingiż ta' dwejjaq kbar."*